# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 26 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 10**
**Rik. Gur. Nru. 79/15 JZM**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

***kontra***

**Ryan u Angie (konjugi) Schembri K.I. numri 450878M u 321875M rispettivament;**

**u b`digriet moghti fil-11 ta` Novembru 2015 l-Avukat Dr Benjamin Valenzia LL.D. u l-Prokuratur Legali Alison Wadge gew mahtura bhala Kuraturi Deputati ghall-assenti Ryan Schembri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-3 ta` Frar 2012 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta` Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

*2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija attrici u hadu minn ghandha self biex jiffinanzjaw l-akkwist tar-residenza taghhom, liema self kien jikkonsisti fis-segwenti:*

*i. Home Loan (i) ta` mija u hamsa u tletin elf Euro (€135,000) u Home Loan (ii) ta` sitta u hamsin elf Euro (€56,000) ai termini ta` Credit Agreement datat 18 ta` Frar 2011 (ara Dok. `A`) u kuntratt datat 4 t`April 2011 maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono (ara Dok. `B`),*

*ii. Home Loan (iii) ta` tlett mija u wiehed u tmenin elf Euro (€381,000) ai termini ta` Credit Agreement datat 12 ta` Marzu 2012 (ara Dok. `C`) u kuntratt datat 21 ta` Gunju 2012 maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa (ara Dok. `D`);*

*3. Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dan is-self u l-bilanc dovut minhom fuq dawn il-facilitajjiet hu kif gej:*

*i. Mija u tletin elf, mija u tmienja u tletin Euro u erba` centezmi (€130,138.04) dovuti fuq Home Loan (i) fuq imsemmiha, senjatament Account numru 171638 71 001, u li sas-16 ta` Jannar 2015, kienu jinkludu mghaxijiet ta` mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u sitta u hamsin centezmu (€225.56) (ara statement bankarju markat Dok. `E`),*

*ii. Erbgha u hamsin elf, tlieta u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€54,073.98) dovuti fuq Home Loan (ii) fuq imsemmiha, senjatament Account numru 171638 71 002 u li sas- 16 ta` Jannar 2015 kienu jinkludu mghaxijiet ta` sitta u disghin Euro u tmienja u tletin centezmu (€96.38) (ara statement bankarju markat Dok. `F`),*

*iii. Tlett mija u sebgha u sebghin elf, tlett mija u sittax–il Euro u sebgha u sittin centezmu (€377,316.67) dovuti fuq Home Loan (iii) fuq imsemmiha, senjatament Account numru 171638 71 003 u li sas- 16 ta` Jannar 2015 kienu jinkludu mghaxijiet t`elf, erba` mija u sitta u*

*ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€1,426.34) (ara statement bankarju markat Dok. `G`);*

*4. Illi relatati mas-self fuq imsemmi, hemm dovuti hames mija u tmienja u tletin Euro u disa` centezmi (€538.09) fi spejjez fuq Current Account numru 171638 10 001, li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija attrici (ara Dok. `H`). Sas-16 ta` Jannar 2015, dan l-ammont kien jinkludi zewg Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2.23) f`imghaxijiet(ara Dok. `I`);*

*5. Illi oltre s-self fuq imsemmi, l-konvenuti ddejnu fuq Credit Card bin-numru 4196806000019865 li huma ghandhom mal-kumpannija attrici u dan ghal ammont li sas-16 ta` Jannar 2015 kien t`erbat elef, tlett mija sebgha u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€4,337.56) u kien jinkludi mghaxijiet ta` hdax–il Euro u disghin centezmu (€11.90) (ara statement bankarju markat Dok. `J`);*

*6. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attrici sas-16 ta` Jannar 2015, kien ta` hames mija, sitta u sittin elf Euro, erba` mija u erbat Euro u erbgha u tletin centezmu (€566,404.34);*

*7. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:*

*i. Kwantu l-Home Loans kollha fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreements imsemmijin aktar `l fuq f`din il-kawza, precizament dawk il-partijiet markati bl-ahdar, u dan ghax kif stipulat minnhom, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmijin f`dawn il-Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*n. Any other event which in the Bank`s reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility",*

*ii. Kwantu l-Current account, ai termini t`Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. `K`) u t`Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. `L`) marbuta mal-istess Current Account,*

*iii. Kwantu l-Credit card, ai termini tal-artiklu 11(f) tal-Conditions Of Use marbuta mal-istess Credit Card (ara Dok. `M`);*

*8. Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti kollha diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t`ittra legali datata 12 t`Awissu 2014 (ara Dok. `N`) u ittra ufficcjali numru 2834/2014 datata 11 ta` Settembru 2014 (ara Dok. `O`), izda dawn baqghu inadempjenti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu f`dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

*10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta` u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` €566404.34; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta` €566404.34;*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mis-16 ta` Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreements kollha msemmijin f`din il-kawza u t-Tariff of Charges relattivi ghall- Current Accounts (ara Dok. `P`) u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Credit Cards (ara Dok. `Q`), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti kollha appena l-konvenuti hadu l-facilitajjiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

*1. Sitta punt erbgha hamsa fil-mija (6.45%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Account numru 171638 71 001 imsemmi aktar `l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. `A`),*

*2. Sitta punt hamsa hamsa fil-mija (6.55%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Account numru 171638 71 002 imsemmi aktar `l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. `A`),*

*3. Tmienja fil-mija (8.00%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Account numru 171638 71 003 imsemmi aktar `l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. `C`),*

*4. Ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 171638 10 001 imsemmi aktar `l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. `P`),*

*5. Tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Credit Card numru 4196806000019865 imsemmiha aktar `l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. `Q`).*

*Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b`rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi l-konvenuta Angie Schembri kienet notifikata skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenuta Angie Schembri dehret personalment ghall-udjenza tas-26 ta` Mejju 2015 assistita mid-difensur taghha u pprezentat nota ta` ammissjoni taghha ghat-talbiet tal-bank attur.

Rat illi rrizulta li l-konvenut Ryan Schembri huwa assenti minn dawn il-gzejjer u ghalhekk kienu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentawh.

Rat illi wara li kienu debitament notifikati skont il-ligi, il-kuraturi deputati l-Av Dr Benjamin Valenzia u l-P.L. Alison Wadge pprezentaw ir-risposta guramentata fit-18 ta` Dicembru 2015 li taqra hekk :–

*1. In-nullita` tar-rikors promotur ghaliex ma hemmx annessa n-nota tad-dokumenti migjubin flimkien mar-rikors guramentat skont l-Artikolu 168 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Illi f`dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jririservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;*

*3. Illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-kawza m`ghandhiex titkompla tinstema` bil-procedimenti sommarja specjali ghaliex il-kuraturi deputati mhumiex f`pozizzjoni li jressqu eccezzjonijiet prima facie kif titlob il-ligi minhabba l-fatt illi mhumiex edotti mill-fatti. Ghaldaqstant ikun ghaqli illi din il-kawza ma tibqax tinstema` bi proceduri sommarji sabiex Ryan Schembri (li huwa assenti u mhux rintraccabbli) jinghata smigh xieraq;*

*4. Illi r-rikorrenti tipprovdi l-Kuraturi Deputati bl-ahhar indirizz maghruf ta` Ryan Schembri jew xi numri tat-telefon sabiex huma jkunu jistghu jikkuntattjaw dwar dan ir-rikors gurament.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr Benjamin Valenzia u l-P.L. Alison Wadge

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Jannar 2016.

Semghet ix-xhieda ta` Elmer Grech fl-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum fejn ikkostatat l-gheluq tal-gbir tal-provi.

Billi l-ewwel eccezzjoni tal-kuraturi deputati hija nfondata ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, il-bank attur ipprezenta d-dokumenti li jsostnu l-pretensjonijiet tieghu flimkien mar-rikors guramentat. Ghalhekk ma tissussisti l-ebda kwistjoni ta` nullita` tar-rikors guramentat.

Billi l-bank attur irnexxielu jaghmel il-prova tal-grad rikjest fil-ligi tal-premessi u tat-talbiet, u dan riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati.

Billi t-tielet eccezzjoni tal-kuraturi deputati kienet superata b`dak li pprovdiet il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2016.

Billi ma hemmx lok li tinghata aktar konsiderazzjoni r-raba` eccezzjoni tal-kuraturi deputati in vista ta` dak dikjarat mill-Av Dr Benjamin Valenzia u mill-Ispettur Jonathan Ferris fl-udjenza tal-lum.

U billi l-konvenuta Angie Schembri rregistrat l-ammissjoni taghha.

Issib li t-talbiet atturi huma fondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghalhekk il-Qorti qieghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Filwaqt li qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-kuraturi deputati, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni u t-tielet talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenuti Ryan u Angie konjugi Schembri, bl-imghax kif mitlub.**

**Tordna lill-konvenuti Ryan u Angie Schembri sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, b`dan illi l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skont il-ligi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**